

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 24. GESU' JFEJJAQ BNIEDEM MIFLUG

**Matt. 9:2-8; Mark 2:1-12; Luqa 5:18-26**

Kulfejn kien imur Gesu', il-follol kienu jmorru warajh. Minnhom kien hemm hbieb ta' Gesu', ohrajn kienu biss nies li jimxu warajh minhabba l-kurzita' biex jarawh jaghmel xi miraklu. Ma kienux jonqsu wkoll dawk li jsegwuh biex jaraw isibux xi htija fih.



Jum wiehed Gesu' gie Karafnaw u hafna nies imlew fid-dar fejn kien qieghed jghallem u ma hallewx anqas fejn toqghod labra. Fost ir-rassa ta' nies kien hemm xi skribi u farizej li gew hemm biex jisiimghu huma infushom dak li haddiehor kien jghidilhom. Semghu hafna rapporti u issa riedu jinvestigaw. Kienu attenti ghal kull mossa li jaghmel.

Waqt li kien qed jippriedka il-migemgha semghet xi hsejjes fuq is-saqaf. Kienu erba' minn nies li bdew jaghmlu toqba fis-saqaf biex minnha jnizzlu il-habib taghhom maghtub. Dan kien mindud f'sodda ghaliex il-marda li hakmitu dghajfiltu sahhtu. Dawn ippruvaw idahhluh minn qalb in-nies izda hadd ma cedilhom. Kien ghalhekk li hbiebu telghu fuq is-saqaf u ghamlu toqba biex minnha jnizzlu l-marid bil-hbula, dritt dritt quddiem Gesu'.

Qatt ma ghaddielhom minn mohhom dak li ser jaghmel l-imghallem ta’ Nazaret. Baqghu miblughin ghal ahhar meta semghuh jghid lil miflug: “Dnubietek mahfura.”

Dawk li kienu jfittxu li jaqbduh f’xi zball, bdew jghidu f’qalbhom, “ Min hu dan li jippretendi li jafher id-dnubiet? Hadd hlief Alla ma jista jaghmel dan.”

Gesu’ gharaf hsibijiethom u qalilhom, “Ghaliex tahsbu hazin f’qalbkom?  X’inhi l-ehfef haga li tghid lil dan ir-ragel, li dnubietek mahfura jew qum, erfa’ soddtok u imxi?  U sabiex tkunu tafu li jiena ghandi s-setgha li nahfer id-dnubiet, nghid lil dan ir-ragel, “Qum erfa’ soddtok u mur lejn darek.”

Dak il-hin ir-ragel hass sahhtu terga’ lura f’gismu u quddiem kulhadd qam, tewa’  is-saqqu li fuq kien mindud ghall hafna zmien, u mar lejn daru.  Biza’ kbir waqa’ fuq dawk prezenti.  Huma lkoll bdew ifahhru lil Alla u jghidu: “Qatt ,a rajna hwejjeg bhal dawn!”.

## RIFLESSJONI:

Kristu biss jista’ jaghti l-fejqan tar-ruh u jehlisha mill-irbit tax-xitan.

Il-veri hbieb taghrafhom meta tigi bzonnhom.

Itlob spiss lil Alla li jehilsek mill-hbieb li jigu hdejk libsin ta’ nghag, imma imbaghad ikun ilpup minn gewwa. David il-profeta kien jistqarr quddiem Alla li l-ghedewwa tieghu jaf min huma (mill-imgieba hazina taghhom), imma kien jitlob biex jehilsu mill-hbieb foloz billi dawn kienu jilghabuha ta’ nies fidili imma qalbhom kienet mimlija qerq u nfedelta’ kontra tieghu. Il-qalb tal-bniedem hija profondita’ ta’ malizzja jew imhabba u huwa biss Alla li jaf x’hemm fiha.